**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 113/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**JOSIAH FENECH**
**(I.D. 305591M)**

**Illum, 2 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rati illi l-imputat **JOSIAH FENECH** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 305591M tressaq quddiemha akkuzat talli fix-xhur bejn Novembru 2018 u Frar 2019, minn gewwa Esse Ltd, fi hdan Evolve RS Group sitwat gewwa Triq l-Imdina, f'Haz Zebbug:

1. Ikommetta serq, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur li mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Esse Lrd fi hdan Evolve RS Group u/jew Rudolph Spiteri Sacco u/jew Alison Spiteri u/jew persuni u/entitajiet ohrajn;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, uza kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer jew b'xi mod kiser kwalunkwe mizura ta' sigurta' sabiex jakkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2019, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Rat illi minkejja dan, il-Qorti semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghal kull akkuza li jinsab mixli bihom;

[1] Fol. 9 tal-atti.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur;

Rat il-provi u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum biex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fis-27 ta' Marzu 2019, ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

**Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni**, cioe` dik ta' serq, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur ta' mhux iktar minn elfejn, tlieta mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-Qorti hadet qies tan-natura indisputabbilment serja tar-reat liema serjeta` hija aggravata bil-fatt illi s-serq sar minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu.  Bla dubju, il-pozizzjoni tieghu ta' impjegat iffacilitat it-twettiq ta' dan ir-reat da parti tal-imputat.  Dan kollu jirrizulta ampjament mill-istqarrija tal-imputat, fejn ammetta li huwa impjegat tal-kumpanija Evolve Group, il-parti leza li, f'dawn il-proceduri, giet rapprezentata minn Rudolph Spiteri Sacco u Alison Spiteri Sacco.  Ghalkemm ma jirrizultax b'certezza, mill-kontenut tal-istqarrija tal-imputat, il-Qorti fehmet ukoll illi l-ammont totali li huwa seraq minghand il-principali tieghu fil-perijodu indikat, jeccedi s-somma ta' elf Euro (€1,000).

Ghar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, l-Artikolu 279(a) u l-Artikolu 280(1) tal-Kapitolu 9 jiddisponu illi l-piena li ghandha tinghata hija dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 9, din il-piena ma tistax tinghata fil-*minimum* taghha.

**Kwantu ghar-reati addebitati lill-imputat fit-tieni u t-tielet imputazzjoni**, cioe` dawk tal-uzu mhux kif dovut tal-*computer* kif kontemplat fl-Artikolu 337B *et seq.* tal-Kapitolu 9, liema reati l-imputat ukoll ammetta li wettaqhom, il-Qorti tosserva illi l-imputat gie mixli – u fuq ammissjoni qed jinsab hati – tar-reati kontemplati fil-paragrafi (a) u (c) tal-Artikolu 337C(1). Dawn jipprovdu hekk:-

**337Ċ.** *(1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Artikolu:-*

*(a) tuża* computer *jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi* data, software *jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer *jew f'xi* computer *ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull* data, software *jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;*
*… … …*
*(i) tuża l-kodiċi ta' dħul,* password, *isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'*computer *jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-*sistema tal-informatika *kollha jew parti minnha;*

Ghalkemm skont l-Artikolu 337F, il-piena stabbilita ghal kull wiehed mir-reati kontemplati fl-Artikolu 337C, hija tal-multa u/jew prigunerija, huwa evidenti illi fil-kaz odjern, billi l-imputat wettaq dawn ir-reati fuq il-post tax-xoghol tieghu bhala impjegat, ghad-dannu tal-principal tieghu, il-piena li ghandha tinghata ghar-reati kontemplati fl-imsemmi Artikolu 337C ghandha tizdied skont kif provdut fis-subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 337F.

Dawn jipprovdu hekk:-

*(2) Il-penali għandha tiżdied għal multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) jew priġunerija għal terminu ta' tnax-il xahar sa għaxar snin, jew kemm dik il-multa u priġunerija flimkien fejn ir-reat jikkonsisti f'wieħed mis-segwenti każijiet li ġejjin:*
*… … …*
*(3) Il-pieni stabbiliti taħt is-subartikolu (2) għandhom ukoll japplikaw fil-każ ta' reat kontra xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu:*

*(a) meta r-reat isir f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat;*

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fi stadju ferm bikri tal-kumpilazzjoni, ossia waqt l-ezami tal-istess imputat a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9. Hadet ukoll qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputat[2].

Izda fuq kollox, ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat jinsab mahkum mill-vizzju tal-loghob, specifikatament ta' *on-line gambling*, u kien proprju dan il-vizzju li jidher li wasslu fl-estremita` li jabbuza sfaccatament mill-pozizzjoni tieghu ta' impjegat u mill-fiducja tal-principal tieghu, biex jisraq flus minn fuq il-post tax-xoghol tieghu ghad-detriment tal-istess principal tieghu. Dan il-Qorti fehmitu minn qari tal-istqarrija tal-imputat, oltre li gie espressament imfisser lilha waqt is-sottomissjonijiet orali kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, illi l-imputat verament jinsab ghaddej minn krizi serju minhabba l-vizzju ta' *on-line gambling*.

Ghalkemm hija tal-fehma assoluta li dan l-agir kriminali huwa wiehed li ma jistax jigi tollerat, irrispettivament mir-ragunijiet li setghu wasslu biex jitwettaq dan ir-reat ta' serq u uzu hazin tal-computer, u irrispettivament ukoll minn kwalsiasi vizzji u sfidi partikolari li jista' jkun qed jirriskontra l-awtur tar-reat,

[2] Fol. 3 tal-atti.

huwa evidenti illi f'dan il-kaz, l-imputat ghandu bzonn ghajnuna specifika sabiex jeghleb il-vizzju tal-loghob li evidentement issokkomba ghalih. Dan jidher li fehmuh ukoll il-principali tal-imputat, ossia l-parti leza meta, waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu 2019, iddikjaraw tramite l-avukat difensur taghhom illi huma mhux qeghdin jinsistu illi l-Qorti tordna r-restituzzjoni tal-ammont li nsteraq bi pregudizzju taghhom.

F'dan l-isfond, il-Qorti hija tal-fehma illi t-tqeghid tal-imputat taht sanzjoni komunitarja hija l-iktar sanzjoni idonea fic-cirkostanzi ghaliex din ghandha sservi bhala spunt ghar-rijabilitazzjoni tal-imputat biex, minflok ikompli jeghreq f'cirku vizzjuz u jerga' jispicca jaqbad it-triq tal-kriminalita`, huwa jaghraf jifforma ruhu billi jinghata t-terapija u ghajnuna psikologika li jehtieg biex johrog mill-vizzju tal-loghob u b'hekk jerga' jsib l-istabbilita` necessarja biex jghix hajja strutturata u produttiva, partikolarment fil-hajja lavorattiva tieghu. Fil-fatt, gie sottomess mid-difiza waqt it-trattazzjoni illi l-imputat diga` rrikorra ghall-ghajnuna u ghalhekk il-Qorti tqis illi jehtieg illi kwalunkwe progress li qed isir diga`, jigi konsolidat b'ordni tal-Qorti.

Wara kollox, huwa evidenti wkoll illi l-imputat ihoss soghba genwina ghal eghmilu[3] u kien dispost ukoll illi jhallas lura lill-principali tieghu, ghalkemm illum jirrizulta illi huma mhux qeghdin jinsistu ghall-hlas lura ta' dak li nsterqilhom. Dan id-dispjacir li wera l-imputat ghal ghemilu huwa, fil-fehma tal-Qorti, korollarju tal-fatt illi, kif diga` stabbilit, l-istess imputat huwa novizz fil-kriminalita`. Il-Qorti ghalhekk taghraf li ghandha tiehu, **b'mod tempestiv**, il-mizuri mehtiega biex tassigura li, kemm jista' jkun, dan l-agir tal-imputat ma jirripetix ruhu. Dan tista' tassigurah biss jekk tpoggi lill-imputat taht ordni ta' *probation*. Huwa indiskuss illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, piena karcerarja u multa mhumiex xierqa bhala sanzjonijiet punittivi u ghalhekk ordni ta' *probation* tkun l-iktar sanzjoni idonea.

[3] Ara l-istqarrija tieghu a fol. 8.

**L-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi kollha fuq imfissrin, fil-fehma tal-Qorti, jimmerita t-tqeghid tal-imputat taht ordni ta' Probation ghall-finijiet tal-ewwel proviso tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in vista tal-fatt illi kif rajna, il-piena applikabbli f'dan il-kaz ghar-reati kontemplati fit-tieni u t-tielet akkuzi, hija ta' prigunerija ghal terminu ta' tnax-il xahar sa ghaxar snin.**

Fl-istess hin, sanzjoni fil-komunita` tkun tiswa wkoll sabiex jigi prevenut l-ghemil ta' reati ohra mill-imputat, u kwindi ghall-protezzjoni tal-pubbliku minn dannu iehor li huwa jista' jaghmel minhabba dan il-vizzju.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 279(a), 280(1), 337B, 337C(1)(a) u (c), u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil JOSIAH FENECH hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-istess JOSIAH FENECH taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza, fosthom il-kundizzjoni illi l-hati jircievi ghajnuna psikologika intiza sabiex huwa jista' jeghleb il-vizzju tal-loghob,**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u rat ukoll illi l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation.***

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

# ORDNI TA' PROBATION

*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Illum: 2 ta' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**JOSIAH FENECH**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **JOSIAH FENECH** (ID: 305591M) gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u giet mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tliet snin mill-lum**, tkun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati **JOSIAH FENECH** li joqghod 2, Dar ir-Rokna, Sqaq Tumas Fenech, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 305591M tkun ghal perjodu ta' **tliet snin mil-lum** taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perijodu l-hati jgib ruhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija;

2. Li joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation li jistghu jinghatawlu minn zmien ghal zmien;

3. Li jibqa' f'kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi Ufficjal, u li jattendi ghal-laqghat kollha li l-Ufficjal tal-Probation jiffissa/tiffissa minn zmien ghal zmien u jaghti lill-istess Ufficjal kull informazzjoni li tigi mitluba lilu;

4. Li jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation kemm fid-dar tieghu kif ukoll fuq il-post tax-xoghol;

5. Li jekk ikun se jbiddel l-indirizz tar-residenza tieghu jew in-numru tal-mobile tieghu, jaghti preavviz ta' almenu hmistax-il gurnata lill-Ufficjal tal-Probation tieghu, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet li jiggustifikaw li l-probationer jaghti preavviz iktar qasir;

6. Okkorrendo, li jibda u/jew jikkompleta l-programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament iehor fi hdan wahda mill-agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tal-loghob minghajr interruzzjoni, skont kif jista' jigi suggerit lilu mill-Ufficjal tal-Probation tieghu, u li jiehu kwalunkwe kura ohra, u jibda u jkompli kwalunkwe programm iehor li jigi indikat lilu mill-Ufficjal tal-Probation sabiex jeghleb il-vizzju tal-loghob, u li joqghod ukoll ghad-direttivi kollha li jistghu jaghtuh il-persuni u/jew agenziji li jigi riferut lilhom mill-Ufficjal tal-Probation;

7. Li jmur ghal dawk l-appuntamenti li jigu ffissati ma' professjonisti u li jikkonsulta mal-professjonisti kollha li jigu riferiti lilu mill-Ufficjal tal-Probation u li joqghod ghal kull istruzzjoni li dawn il-professjonisti jaghtuh.

L-Ufficjal tal-Probation ghandu/ghandha jgib/iggib a konjizzjoni tal-Qorti, permezz ta' rikors ta' denunzja, il-ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet jew xi wahda minnhom.

Tordna wkoll illi l-Probation Officer jirrapporta bil-miktub lil din il-qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tigi minnufih konsenjata lill-hati kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skond is-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

……………………………………
JOSIAH FENECH
(firma tal-persuna mqeghda
taht probation)

……………………………………..
D../Registratur